


# Il-Mosta raħal ċkejken fis-seklu Sbatax - xi dettalji

Dr George Cassar

Is-seklu sbatax jimmarka qabża fl-esperjenza tal-ħajja reliġjuża tal-Mosta u l-Mostin għax kien fl-ewwel snin ta' dan is-seklu li nqatgħu bħala parroċċa għalihom. Bdew tista' tgħid mill-ewwel jaraw bidliet fin-numru ta' nies li kienu joqogħdu fil-Mosta għax il-bini beda jiżdied u jinfirex ma' firxa dejjam akbar ta' art. Ma ninsewx li Malta saret relattivament aktar sigura aktar mal-Ordni bniet swar, torrijiet u saħħet id-difiża tal-gżira u allura aktar naqsu l-attakki tal-furbani Misilmin fuq il-gżejjer Maltin, attakki li tant kienu jbeżżgħu u jagħmlu ħsara fil-kampanja Maltin.



L-Isqof Gargallo

Skont figuri li jagħti Ġan Franġisk Abela għall-Mosta u li huma meħudin mis-sena 1632, il-Mosta kienet magħmula minn 344 dar b'1,579 ruħ.[1] Madankollu, għas-seklu sbatax naraw li l-abitanti tal-Mosta daqqa żdiedu u daqqa naqsu u għalhekk iż-żieda ma tistax tgħid li kienet waħda kostanti hekk kif is-snin ta' dan is-seklu bdew igerbu u jersqu lejn is-seklu ta' wara. L-ewwel ċifra li għandna tmur għas-sena 1614 u turi li fil-Mosta kien hemm 900 ruħ. Rajna li fl-1632 iċ-ċifra laħqet 1,579 imma mbagħad fl-1645 niżlet għal 1,214. Fl-1658 reġa' kien hemm daqqa 'l isfel oħra u l-abitanti kienu jgħoddu 1,078. Sa l-1670 in-numru tala' għal 1,181 u għamel qabża oħra 'l fuq sal-1680 meta laħaq 1,300. L-aħħar ċifra li għandna għas-seklu sbatax għal Mosta terġa' tara nuqqas fin-numru tal-Mostin, għax fl-1687 kien hemm 1,243 persuna fir-raħal.[2]

Kif indikajna aktar 'l fuq il-Mosta fil-bidu tas-seklu sbatax għaddiet mis-sodisfazzjon tal-erezzjoni tal-parroċċa meta nħallet min-Naxxar u marret għal rasha. Waħda mir-raġunijiet għalfejn kienet ittieħdet din id-deċiżjoni mill-Isqof Gargallo kienet li l-popolazzjoni żdiedet u sa l-1608 diġà kienet laħqet id-900 ruħ. Raġuni partikulari għal din iż-żieda kienet li l-gvern ta' Malta immexxi mill-Ordni ta' San Ġwann kien ta artijiet lil dawk li wrew ix-xewqa li jibnu darhom fil-Mosta.[3]

Dwar iż-żwiġijiet f'dan ir-raħal wara li sar parroċċa, nafu li l-biċċa l-kbira ta' dawn kienu jkunu bejn Mostin u f'dan ma kien hemm l-ebda sorpriża għax fi żmien meta n-nies kienu jħossuhom marbutin ma' l-art li kienu jaħdmu u mal-familja estiża li kien jiffurmaw parti minnha, kienu jħossuhom aktar komdi jibqgħu fejn kienu draw u hekk, Mostin kienu jiltaqgħu ma' Mostin u jiżżewġu. Xi Mostin oħra kienu jiżżewġu ma' nies fil-viċinanazi. Ngħidu aħna fil-perjodu bejn l-1630 u l-1650, kien hemm 204 żwiġijiet. Minn dawn, 83 kienu ta' rġiel barranin li ħadu mara Mostija. L-akbar numru ta' barranin kienu min-Naxxar u ftit inqas mir-Rabat, imma kien hemm ukoll dawk il-ftit irġiel li kienu ġew minn ħafna aktar bogħod, bħal dawk l-erbgħa li ġew minn Għawdex.[4]

L-etajiet tan-nisa li żżewġu kienet tvarja, imma bħala età medja, mara Mostija kienet tiżżewweġ ta' 24 sena. Mill-banda l-oħra l-irġiel kienu jiżżewġu ta' madwar 29 sena.[5]

Maż-żwieġ naturalment kien hemm marbuta t-twelid ta' membri ġodda fil-komunità. U kull tarbija li twieldet, naturlament ukoll, kienet tiġi mgħammdha – ġo pajjiż fejn ir-reliġjon Kattolika kienet il-ħajja ta' kuljum tan-nies. Fil-Mosta bejn l-1612 u l-1629 ġew mgħammda 617-il tarbija. Dan ifisser li kull sena kellek medja ta' 37.28 trabi. Mela jidher li bħala medja, familja Mostija fl-ewwel nofs tas-seklu sbatax kienet tikkonsisti



minn tmien persuni. Dan ma jeskludix familji b'wild wieħed u oħrajn b'disgħa ulied jew aktar.[6] Jekk nieħdu l-wieħed u għoxrin sena ta' wara, jiġifieri mill-1630 sa l-1650, insibu 798 magħmudija u dan ifisser, bejn wieħed u ieħor, l-istess medja tal-perjodu ta' qablu.[7]

Dwar l-imwiet, jidher li n-numru ta' dawk li ħallew din id-dinja fil-perjodu 1613–1629 kien ta' 41 ruħ u fil-perjodu 1630–1650 kien ta' 250 ruħ. Kienu jindifnu fil-knisja parrokkjali (dik li kienet inbniet ftit wara li l-Mosta saret parroċċa, fuq id-disinn ta' Tumas Dingli) u dan baqa' jsir matul is-seklu sbatax kollu.[8]



Ritratti: Joseph V. Sammut

*Il-Madonna tar-Rużarju*

Fuq dak li jirrigwarda l-edukazzjoni, il-Mostin tas-seklu sbatax ma jidhirx li kienu akkaniti wisq għat-tagħlim formali. Kienu mehdijin bix-xogħol tar-raba' u qajla kien jimpurtahom mill-iskola. Tant hu hekk li milli jidher, skont il-listi ta' skejjel approvati biex jgħallmu lit-tfal, fil-Mosta kien hemm biss waħda. L-għalliem kien Dun Grazio Deguara u l-iskola kisbet permess biex tibda taħdem fl-1695. Fiha kien isir it-tagħlim tal-qari u l-grammatika. Kienet skola elementari.[9] Veru li l-Mosta kienet daqsxejn ta' raħal żgħir, imma tfal kien hemm kemm trid b'medja ta' madwar 38 tarbija fis-sena – biżżejjed biex ikollok klassi mimlija ġmielha. Jidher madankollu li ħafna ġenituri ma kellhomx interess li jibagħtu lil uliedhom l-iskola għax kieku, hu probabbli li n-numru ta' skejjel jew ta' għalliema kien ikun akbar biex ilaħħaq mall-ħtieġa li kienet tinħoloq.

## Jidhru l-ewwel għaqdiet fil-Mosta

Billi fil-ħajja Maltija kollox kien idur mal-Knisja u r-reliġjon, kienet ħaġa kważi naturali li l-ewwel għaqdiet fil-komunità jkollhom konnessjoni qawwija reliġjuża. Il-Knisja nnifisha kienet tħeġġeġ ħafna it-twaqqif ta' fratellanzi u xirkiet. Id-differenza bejn dawn iż-żewġ organizzazzjonijiet kienet li filwaqt li tal-ewwel kellhom għanijiet purament reliġjużi, tat-tieni kienu għaqdiet ta' ħaddiema. Kull xirka kienet tiġbor fiha ħaddiema mill-istess sengħa. Ix-xirkiet, barra li kienu marbuta mar-reliġjon, kienu jaħdmu wkoll biex iġibu 'l quddiem l-interessi tas-sengħa tagħhom.[10] Il-fratellanzi, li kienu marbutin f'kollox mal-Knisja, kienu mifruxa mal-Gżejjer Maltin u tista' tgħid li kważi fil-parroċċi kollha kont issib il-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament.[11]

Kienet appunti din li tat bidu għal numru ta' fratellanzi fil-Mosta. Kien il-Viżitatur Appostoliku Mons. Dusina li rsista biex f'kull parroċċa jkun hemm il-Fratellanza tas-Sagrament u fil-Mosta din żgur li twaqqfet fl-ewwel żminijiet wara li r-raħal sar parroċċa.[12] L-imseħbin fil-fratellanzi kellhom numru ta' obbligi. Kellhom, ngħidu aħna, jġibu 'l quddiem il-qima u d-devozzjoni lejn l-Ewkaristija. Kellhom jisguraw li l-vjatku mqaddes lill-morda jkun organizzat b'mod tajjeb u li Ġesù Sagramentat ikun meqjum kif jixraq fit-tabernaklu billi jitpoġġa quddiemu lampier jixgħel il-ħin kollu. Il-Fratellanza tas-Sagrament kienet tieħdu sehem f'Quddiesa fit-tielet Ħadd ta' kull xahar u tipparteċipa f'purċissjoni bis-Sagrament li kienet iddur mal-knisja. Magħrufa bħal 'tat-Terza', din iċ-ċerimonja baqgħet issir fil-Mosta sas-snin sittin tas-seklu għoxrin.[13]

Twaqqfet ukoll mill-bidu tal-parroċċa l-Fratellanza tar-Rużarju. Hekk il-Mosta ssieħbet mal-biċċa l-kbira tal-parroċċa li ħadmu biex ikollhom din il-fratellanza fi ħdanhom.[14] Fil-Mosta il-Fratellanza tar-Rużarju twaqqfet fil-11 ta' Frar 1612. Kellha l-kappella tagħha mill-1615 u kienet tagħmel il-festa tar-Rużarju fl-ewwel Ħadd ta' Ottubru bil-purċissjoni. Kienet terġa' ssir fl-ewwel Ħadd ta' Mejju, festa tal-Madonna tal-Ward. Maż-żmien il-purċissjoni tar-Rużarju bdiet takkumpanja l-vara tal-Madonna tar-Rużarju li nġiebet f'xi żmien bejn l-aħħar tas-seklu sbatax u l-bidu tas-seklu tmintax.[15]
Fratellanzi oħra twaqqfu f'sekli aktar 'il quddiem.

Il-Mostin jidher li kienu, issa, qabdu it-triq tal-iżvilupp – sempliċi kemm trid imma xorta waħda kien indikazzjoni li l-komunità Mostija xtaqet timxi max-xejriet taż-żmien. Din il-mentalità kompliet tikber u saret dejjem iżjed vivaċi aktar ma beda jgħaddi ż-żmien sakemm wasalna għal dak li l-Mosta hi llum.

**Referenzi**


1 G.F. Abela, *Descrittione di Malta*, (Malta, 1647), 83.
2 S. Fiorini, 'Status Animarum I: A Unique source for 17th and 18th century Maltese demography', *Melita Historica*, viii/4 (Malta, 1983), 344, tabella II.
3 R. Bellia, 'Ir-raħal tal-Mosta fl-ewwel snin tas-seklu sbatax', Soċjetà Filarmonika Santa Marija, Mosta, *Festa 2001* (Malta, 2001), 23-4.
4 M.A. Sant, *Il-Mosta fi Żmien il-Ħakma tal-Kavallieri ta' San Ġwann* (Malta, 1996), 25-6; Bellia, 25.
5 Sant, 29; Bellia, 25.
6 Bellia, 25.
7 Sant, 31.
8 Bellia, 26.
9 V. Borg, 'Developments in education outside the Jesuit 'Collegium Melitense' ', *Melita Historica*, vi/3 (Malta, 1974), 239.
10 J. Bezzina, *L-Istorja tal-Knisja f'Malta* (Malta, 2002), 155.
11 Għal tagħrif estensiv fuq il-fratellanzi ara, K. Ellul Galea, *Fratellanzi u Xirkiet tas-Snajja'* (Malta, 1981).
12 Skont Francesco Mangion dan kien "żgur qabel is-sena 1658". Ara, F. Mangion, 'Għaqdiet fil-Mosta llum – Il-Fratellanzi', E.B. Vella u oħrajn, *Storja tal-Mosta bil-Knisja tagħha* (Malta, 1972, / 1986), 303. Skont Joseph G.M. Borg dan seħħ malli l-Mosta saret parroċċa fl-1608. Ara, J. Borg, 'Il-Fratellanzi fil-Parroċċa tal-Mosta', Soċjetà Filarmonika Santa Marija, Mosta, *Annwal 2003* (Malta, 2003), 45. Skont J.J. Camilleri din il-fratellanza twaqqfet fl-1634. Ara, J.J. Camilleri, 'Il-Fratellanzi', Soċjetà Filarmonika Santa Marija, Mosta, *Festa 2001* (Malta, 2001), 82.
13 J. Borg (2003), 45.
14 Ellul Galea, 78.
15 J. Borg (2003), 45. Skont J.J. Camilleri din il-fratellanza twaqqfet fl-1628, ara, Camilleri, 82.





**L-Għonnella**

***Souvenirs Shop***

Xogħol ta' Bizzilla u Ganutelle
Lezzjonijet ta' bizzilla
u Gnutelle

Bozoz - Frames - Vażuni
Materjal

***Naċċetta ordnijiet għall-***
***Headresses u Bukketti tal-Praċett***

Rose Marie Falzon
35, Bridge Street, Mosta
Tel: 2141 1207 - 2141 1828